MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 08/2024-9**

**Il-Ħamis, 19 ta' Diċembru 2024**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Daniel Cordina– Viċi Sindku

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

**08.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

08.1.1 Il-Viċi Sindku, Daniel Cordina informa lil Kunsill li ma jistax jattendi għal din il-laqgħa.

**08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

08.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 07/2024-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

08.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

08.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 07/2024-9 ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**08.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

08.3.1 Is-Sindku informa lil membri li s-servizz tal-Posta fl-uffiċċini tal-Kunsill miexi ġmielu pero infetaħ fi żmien ħażin minħabba l-influss ta' parcels li qed jiġu jinġabru speċjalment minn Marsalforn. Kompla jgħid li r-residenti ta' Marsalforn jippreferu li l-posta tagħhom tibqa' tinġabar mir-Rabat u dan minħabba l-fatt li m'hawnx trasport pubbliku dirett minn Marsalforn lejn iż-Żebbuġ. Qal ukoll li saru l-arranġamenti neċessarji sabiex it-tqassim tal-parcels jsiru mir-Rabat għal ta' Marsalforn. Ippropona u l-membri qablu li is-servizz tal-posta jibda' jingħata kuljum u għalhekk l-ħaddiema titħallas pro-rata għal dawn il-jumejn żejda.

08.3.2 Rigward is-CCTV cameras li twaħħlu riċenti fi Triq il-Qbajjar, Triq is-Sajjied u Triq Frank Debono informa lil membri li r-rimi ta' skart illegali kważi spiċċa. Qal li fi Triq is-Sajjied hemm kantuniera oħra fejn qed isir ir-rimi u għalhekk propona li titwaħħal CCTV oħra. Propona wkoll li jitwaħħlu żewġ CCTV cameras oħra fi Triq ix-

Xagħra ma' Ġnien it-Tlett Għoljiet. Il-membri qablu u għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet.

**08.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

08.4.1 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera, Dr Marlene Cini*

08.4.1.1 Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini nfurmat lil membri li ma hi ser tressaq l'ebda proposta u dan minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Awgurat l-isbaħ xewqat għal Milied ħieni u sena mimlija barkiet.

08.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier, Mario Portelli*

08.4.2.1 Il-Kunsillier Mario Portelli talab sabiex teħel ħadida mat-taraġ fil-ġenb ta' Ħal Sagħtrija. Il-membri qablu pero' qabel għandu jintalab il-permess tas-sid id-dar sabiex il-ħadid jeħel miegħu u jinġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa.

08.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

08.4.3.1 Il-Kunsillier Nicky Saliba propona u l-membri qablu sabiex f'Tal-Kanun titpoġġa jarda siment bejn il-ħajt u t-triq u dan biex ma jilqa' għal ilmijiet.

08.4.3.2 Rigward il-gandott li hemm in-naħħa t'isfel ta' Triq is-Sagħtrija talab sabiex jiġi mimli bil-konkos. Il-membri qablu li l-ewwel għandha ssir talba mal-Gozo LC Works peress li hu meħtieġ 15-il jarda konkos.

**08.5 Materji oħra**

08.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill ser ikun qed jibbenifika €26,520 mill-iskema SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentali fejn hu mistenni li titranġa l-latrina tal-Qbajjar Promenade u r-rampa li tinżel għaliha. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li ser toħroġ l-offerta. Il-

membri qablu li l-bord t'evalwazzjoni jkun magħmul minn William Sultana – Chairman, membri – Daniel Galea, Ing. Simon Mizzi u Loretta Cauchi, Segretarju – Odette Camilleri.

08.5.2 Waslet stedina minn Focus Europe sabiex is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jattendu għal sensila ta' laqgħat fi Brussels fi Frar li ġej. Il-passaġġ bil-lukanda għal kull persuna jiswa €550. Il-membri qablu li dawn għandhom jattendu.

08.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-allokazzjoni tal-Kunsill għal din is-sena ser tkun €559,922. Qalet li hemm tnaqqis ta' madwar €128,000 fuq is-sena preċedenti. Wara li kelmet lid-DLG dawn infurmawha illi dan it-tnaqqis hu ammont li ser jgħaddi għand ir-Reġjun għal pagamenti ta' l-iskart. Il-membri qablu sabiex jiġi nfurmat b'dan l-accountant tal-Kunsill u jiġi kkalkulat kemm hu suppost l-ammont li ġie mnaqqas.

08.5.4 Ilment M17/24 – Talba sabiex titranġa kurduna ta' bankina kantuniera fi Triq Manwel Magro. Il-membri qablu li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiem tal-Kunsill.

08.5.5 Ilment M18/24 – Talba sabiex jinżebgħu parking bays fi Triq il-Qolla u jitħassru double yellow lines sabiex ikun hemm aktar wisa' għal parkeġġ. Il-membri ma qablux ma din it-talba minħabba l-fatt li jintilfu aktar parkeġġi.

08.5.6 Ilment M19/24 – Talba sabiex isir taraġ fejn il-Grabshell Kiosk fil-Bajja tax-Xwejni peress li fix-xita, r-rampa qed tinġar. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

08.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li saru l-intervisti għal ħaddiem taħt is-CIES. Infurmat li persuna waħda wriet l-interess u l-bord ippropona li s-Sur J Grech jiġi magħżul. Il-membri qablu mal-proposta tal-bord.

08.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li nġabru kwotazzjonijiet għas-sistema ta' sound u dawl matul ix-xahar ta' Diċembru. Qablu li għandha tiġi magħżula dik tal-Power Sound pero isir aktar tnaqqis fil-kwotazzjonijiet.

08.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 06/2024 għall-perjodu ta'Diċembru 2024 li tammonta għal €126,922.02 ġiet approvata mill-membri preżenti. Il-Kunsillier Nicky Saliba mhux qed jieħu deċiżjoni fuq l-approvazzjoni tal-kont mibgħut mir-Reġjun t'Għawdex bin-numru 26 fuq l-iskeda ta' pagamenti peress li dan il-kont mibgħut minnu bħala Maniġer tar-Reġjun.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-4.50 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar il-21 ta' Diċembru 2024 fil-4.30 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv